ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 55 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Donna Mallia |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Ottubru 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Ottubru 2012;
5. Villa Mekrech;
6. Drenaġġ *Housing Estate*;
7. *Tenders*;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 54 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar item 3.1, Skema t'Impieg Inklussiv fil-Komunita' – Memo 35/2012, fejn il-Kunsill applika ghal din l-iskema sabiex jiġi skrivan/a fuq bażi ta' *part-time*. Partecipanti għal din l-iskema ġejna mgħarrfa mill-ETC li kien hemm 7 fejn l-unika wieħed li bagħat ic-CV tiegħi kien interessat għall-impjieg *full-time*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkellem mas-Sinj. Avellino mill-ETC, fejn issuġġeriet li l-applikazzjoni tagħna tiġi emendata u minflok l-impjieg isir fuq bażi ta' *full-time* ħalli jkun hemm aktar konkorrenza. Il-Kunsill Lokali bħala spejjeż mhu ser joħroġ xejn, peress li l-ETC ser tgħaddi l-flus lill-Kunsill sabiex dan jitħallas, allura mhux ser tagħmel differenza jekk hux *part* jew *full -timer*. Il-Kunsill qabel li din tiġi emendata.

b. Dwar item 3.5, is-Sindku qal li ktibna lill-kuntrattur Sammut sabiex ikompli x-xogħol tal-*Housing Estate* u hekk sar għax il-kuntrattur qed ikompli bil-ħidma tiegħu sabiex dan jitlesta. Irċevejna wkoll minn naħa tiegħu żewġ kontijiet tal-ewwel zewġt pagamenti ta' € 13,567.41 il-wieħed in konnessjoni mal-istess proġett.
Is-Sindku qali li waqt laqgħa li kellhu ma' uffiċċjali tal-GAL Xlokk ċertu ħlasijiet ikun jridu jsiru għax jintilfu l-flus tagħhom ta' dak il-perjodu.
Is-Sur Abdilla ssuġġerixxa li jsir kuntatt mal-kuntrattur sabiex jagħtini *invoice up-to-date* li tirrifletti x-xogħol li wettaq.
Is-Sindku qal li żewġ invoices li rċevejna jkopri ix-xogħol li qed isir u qal ukoll li l-ammont allokat għal dan il-progett huwa ta' € 67,000 u dawn għandhom jitqasmu fuq ħames pagamenti.
Il-Kunsillier Picco staqsa jekk il-kuntrattur hux responsabbli sabiex isir il-g*azebo*.
Is-Sur Vassallo qal li din ma tagħmilx parti mill-kuntratt iżda il-*garden furniture* u litter bins qegħdin inklużi u peress li l-kostruzzjoni waħidha mhux ser tlaħħaq l-ammont allokat allura l-*gazebo* tista' tiġu nkluża ma' dan l-ammont bħala parti mill-ispiża.
Il-Kunsill qabel li jsir il-ħlas ta' pagament u fl-istess waqt tinkiteb dikjarazzjoni lill-kuntrattur sabiex ix-xogħol jkun lest sal-aħħar ta' Novembru, 2012.

c. Dwar item 3.15, is-Sindku nforma li żewg spiżeriji tal-lokal kienu lesti li t-tilqima kontra l-Influwenza tingħata bla ħlas u din qed tingħata skond il-preferenza li għamlu r-residenti li nkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

d. Dwar Item 5, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li, s-sejħa għall-skrivan/a *part-timer* intbagħatet lid-Dipartiment u ġiet approvata, sabiex tkun tista' toħrog sejħa nterna fost il-Kunsilli Lokali kollha fejn għaliha ma kienx hemm interess. Infurmat lill-ETC b'dan sabiex tissupplixxina bl-lista hi ta' min qed jirreġistra u jilħaq il-kriterji rikjesti minn naħa tagħna. Din intbagħatet u sabiex jissottomettu is-CV tagħhom għandhom sal-10 ta' Novembru, 2012, bħala parteċipanti hemm 27.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Is-Sindku ssuġġerixxa li peress li applikajna wkoll għall-Iskema t'Impjieg Inklussiv fil-Komunita' ( Memo 35/2012), ser naraw x'*outcome* ikun hemm minnha.
Is-Sur Abdilla ssuġgerixxa li jsir kuntatt mas-Sinj. T. Xuereb u naraw x'intenzjoni għandha u meta bi ħsiebha tirritorna lura xogħol.
Il-Kunsill qabel.

e. Dwar item 7, is-Sindku nforma li l-ftehim tad-devoluzzjoni ġie ffirmat u s-somma ta' € 250 fis-sena ġiet imħallsa.

f. Dwar item 8.a, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet li l-kwotazzjoniji għat-tizjin tat-toroq tal-Milied inħarġet u din tagħlaq fis-7 ta' Novembru, 2012, f'nofsinhar. Infurmat ukoll li l-istampatur ġie nfurmat sabiex jieħu ħsieb ħabba l-kartolini u ġew ordnati 50 *diary*.

g. Dwar item 8.e, is-Sindku nforma li ltaqa' mal-Ispettur Mercieca sabiex isir aktar sorveljanza fil-*Housing Estate* u hekk sar.
Is-Sindku qal li peress li fil-ġranet li għaddew sab xi vandaliżmu fil-*fence*, ħa ħsieb u għamel l-għassa u qabad lil min kien qed jagħmel hekk, minnufih informa ill-Ispettur Mercieca w għadda l-informazzjoni meħtieġa lilhu.

h. Dwar item 8.k, id-Deputat Segretraju Eżekuttiv nfurmat li nġiebu tlett kwotazzjonijiet mingħand fornituri tal-mobile toilets fejn bħala prezzijiet huma :-

*Joe Bonnici & Sons* - € 20.00 + VAT kull ġurnata u dan jinkudi l-ħasil f'żewġ iġranet u bħala *delivery* jieħdu € 23.50 + VAT extra.

*General Cleaners Co. Ltd.* - € 100.00 exc. VAT u jinkludi d-*delivery*.

*Greenlines Env. Services Ltd.* - € 65 + VAT kull ġurnata u tiġi maħsul darbtejn.

Is-Sindku qal li mar jara u fil-fehma tiegħu hemm spazju fil-biċċa art li ġiet indikata f'Wesgħa Bir id-Deheb wara l-iskips.
Il-Viċi Sindku qal li jixtiequ li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tagħha sabiex dawn l-abbuż jitnaqqsu.
Il-Kunsillier Picco staqsa jekk il-green wardens humiex qegħdin sabiex jaraw li dawn l-abbużi ma jsirux u s-Sindku qal li dan hu parti minn xogħol tagħhom ukoll.
Il-Kunsill qabel li ssir id-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art, peress li l-ispejjeż involuti għal *mobile toilets* huma għoljin.

i. Dwar item 8.m, is-Sindku nforma li ktibna lill-ELC sabiex jieħdu ħsieb ghall-manutenzjoni tal-isplays li hemm minn Triq tal-Barrani kif tidħol għal Triq il-Belt Valletta, fejn qalulna li dawk mhux reponsabbilta' tagħhom.
Is-Sindku qal li bħala tindif xorta waħda kienu jieħdu ħsiebhom n-nies assenjati magħna, imma peress *li Transport Malta* tieħu ħsieb il-manutenzjoni bħal żebgħa jew tibdil fil-kurduna tagħhom għalhekk bagħatna lill-ELC.
Is-Sur Vassallo nforma li bħala titndif tagħhom ser jieħdu ħsiebhom il-ħaddiema tagħna.
Il-Kunsill qabel.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

j. Is-Sindku nforma wkoll li saret laqgħa tar-Reġjun Nosfinhar dwar il-gwardjani lokali u sar qbil bejn il-Kunsilli Membri li s-sorveljanza tagħhom għandha tkun fil-periferija tal-lokal biss u mhux fil-qalba tar-Raħal.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment infurmaw dwar Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitaijiet 2012-2013, fejn il-Kunsill wera xewqa li japplika għal din l-iskema fejn ghandhom x'jaqsmu l-attivitajiet tal-Karnival.
Is-Sindku ssuġġerixxa li l-attivitaijiet li għandha napplikaw għalihom ikun il-Ħamis u l-Ġimgħa, fejn bħala attivita' ssir giovedi gras u l-kukkanja rispettivament. Informa li sar kuntatt ma' tal-Kultura sabiex jagħtuna l-għajnuna tagħhom u fir-rigward tal-kukkanja huma għarrfuna li l-ispejjeż konċernati magħha jammonta għal madwar €2,000.
Is-Sur Vassallo għarraf ukoll li kellha ssir laqgħa mas-Sur D'Amato u s-Sur Zahra tal-Kultura.
Is-Sur Abdilla qal li ssuġġerewlhu li forsi naħsbu fuq x'attivita' bħal 'Jum il-Ħarrub', fejn mill-ħarrub jistgħu joħorġu ħafna prodotti u hemm ħafna suġġetti relatati miegħu.
Il-Kunsillier Agius issuġġeriet ukoll li jsir kuntatt ma tal-*catering* u anke forsi jsir x'attivitajiet għat-tfal in konnessjoni mal-Karnival.
Il-Kunsillier Picco qal li forsi nistgħu naraw x'sar fl-attivita' li konna proponejna qabel ħalli jkollna stampa ta' kemm spejjeż u xi pjan kien hemm għar-rigward tal-attivita 'Jum il-Ħarrub'.
Is-Sur Abdilla ppropona sabiex is-Sinj. Marianne Schembri tagħmel kuntatt magħna sabiex tkun tista' tara kif tista' titwettaq din l-attivita'.
Il-Kunsill qabel.
Bagħatu jinfurmaw ukoll dwar Memo 40/2012 – Għajnuna lill-Kunsill Lokali li ghandhom ir-responsabbilta' ta' Liberija Lokali, gharrfu li s-somma allokat għall-Kunsill Lokali żgħar hija dik massimu ta' € 500, jekk jagħti l-każ li s-somma li l-Kunsill ikun ser jonfoq tkun inqas id-Dipartiment joħroġ l-istess somma daqs kemm ikun ħareġ il-Kunsill u dawn iridu jintużaw biss għall-xiri ta' kotba. Il-Kunsill qabel li japplika.
Infurmaw ukoll dwar Memo 36/2012 – Sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrateġija Ewropa 2020, li ser isir seminar fit-23 ta' Novembru, 2012, ġewwa *Le Meridien* San Ġiljan, sabiex tinkoraġġixxi żvilupp għaqli, permezz ta' nvestimenti aktar effettivi fl-edukazzjoni, miżuri ekonomiċi u ħolqien ta' xogħol u tnaqqis tal-faqar.

Mid-Dipartiment infurmaw li ħareġ ir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Loklai – Ottubru, 2012 sabiex inkunu nistgħu niġbru kopja.
Infurmaw ukoll l-proċedura ta' meta Kunsill Lokali jitlob għad-devoluzzjoni ta' sit jew art pubblika l-ewwel rikjesta trid isir lill-Dipartiment u mhux lit-Taqsima Proprejta tal-Gvern għax jekk isir hekk din tkun invalida.
Bagħatu jinfurmaw ukoll dwar il-Ftehim Kollettiv Ġdid għas-Servizz Pubbliku, għarrfu wkoll li l-arretrati ta' din is-sena minn Jannar – Ottubru għandhom jitħallsu mas-salarju ta' Diċembru, 2012.
Infurmaw ukoll dwar Memo 114/2010 – Żbir ta' siġar sabiex il-Kunsill Lokali jimxu skond kif suppost.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw li ser isir Laqgħa ghas-Sindki dwar is-sitwazzjoni tat-Trasport Pubbliku fil-Lokalitajiet ta' Malta, nhar il-Ġimgħa, 23 ta'Novembru, 2012, fil-5:00 p.m., fil-Corinthia Palace Hotel, H'Attard, ser jattendu s-Sindku għaliha.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Infurmaw ukoll li l-Kunsilli Lokali li huma msieħba fil-Patt tas-Sindki, ser jiġu avviċinati minn Kumpanija *Abertax Quality Ltd.*, dwar *energy audits*, b'hekk l-AKL tkun qed tgħin lill-Kunsilli Lokali sabiex iwettqu dawk il-miżuri li ġew identifikati fir-ra.pport SEAP.
Bagħatu wkoll dwar ir-rotot li ġew identiifikkati bħala *bicycle routes* għat-turisti
Infurmaw dwar Seminars li ser isir bla ħlas f'Novembru b'kollaborazzjoni mal-Caritas sabiex tkun tista' tfittex xogħol u kif għandek tqassam il-paga u flusek aħjar.
Infurmaw ukoll li ser sir seminar fit-12 ta' Novembru, 2012, ġewwa *Smartcity Ricasoli*, dwar l-iżvilupp tal-industrija tal-films fil-lokalitajiet.

3. Mill-MEPA bagħatu applikazzjoni PA 2536/12 dwar alterazzjonijiet żgħar u żieda ta' uffiċċju u parkeġġ fi Triq il-Gudja fejn qabel kien is-Silvercraft.
Applikazzjoni oħra PA 2554/12 dwar tiġdid ta' permess sabiex jinbidel minn ħanut (class 4) għal spiżeriji u store fil-Bypass.
Applikazzjoni oħra PA 2409/12 dwar bdil fl-użu ta' garaxx għal ħanut ( class 4) u titwaħħal tabella fi Triq il-Gistakor.
Applikazzjoni oħra PA 2440/12 dwar tawqqiegħ u kostruzzjoni ta' garaxx *semi-basement*, *maisonette*, 2 appartamenti u *washrooms* fi Triq id-Dejl.
Bagħatu jinfurmaw ukoll dwar PA 2256/10 – għal kostruzzjoni ta' sitt blokok u garaxxijietr fi Triq il-Kunċizzjoni għas-smigħ tal-board fiil-25 ta' Ottubru, 2012, għalih kien preżenti s-Sindku dan l-iżvilupp ġie deċiż li jsir u l-Kunsill jista' jagħmel l-appell tiegħu.
Is-Sindku nforma li għamlet kuntatt miegħu s-Sinj. Astrid Vella fejn din lesta tagħmel il-proċeduri kollha neċċessarji għal dan l-appell u bħala spejjeż involuti lill-Kunsill ikunu ta' madwar € 186.
Il-Kunsillier Agius qalet li s-sidien inkwetat għall-fatt tar-raba' li għandhom u wkoll ghal erba' sulari bini, fejn is-Sindku nforma li dawn ġew deċizi li jsiru fuq żewġ sulari minflok erba'.
Is-Sinj. Agius kompliet tgħid li hemm ġiebja bl-ilma u jista' jagħti l-każ li meta jkun qed isir it-tħaffir din tispiċċa u dan ikun telf u dannu għar-raħal kolhu.
Is-Sindku qal li dawn is-sidien qed jogezzjonaw imma ħadd minnhom mhu qed jieħu azzjoni. Kompla jgħid li la hu ta' wirt storiku huwa fid-dover tagħna li nibżgħu għalih.
Il-Kunsillier Agius qalet li meta s-sidien kellhom iċ-ċans sabiex joggezzjonaw dan qatt ma sar minn naħa tagħhom.
Is-Sindku qal li l-bażi tal-appell għandha tkun kif qabel kien skedat u ftit wara tneħħa milli jkun hekk.
Il-Kunsill qabel li jsir kuntatt mas-Sinj. Vella u jsir l-appell.
Infurmaw ukoll li l-bilanċ disponibbli tal-UIF huwa ta' € 31,329.78.
Mingħand is-Sur Attard f'isem il-MEPA xtaq aktar tagħrif fuq Ġnien il-Kmand li triq tidħol għalih minn Sqaq il-Kappillan, fejn iltaqa' mas-Sindku fejn qal li dan il-ġnein ghandhu jiġi skedat.
Irċevejna wkoll dwar PA 06677/07 – dwar bdil fl-użu ta' *ready mix concrete batching plant* għal *fish farm support facility* li tinkludi *plant rooms, stores, workshops*, uffiċċini fis-sit ta' *Fenech Ready Mix Plant* fi Triq Ħal Tarxien, sabiex jekk iridu nibgħatu l-kummenti tagħna dan għandna nagħmluh sat-13 ta' Novembru, 2012.
Anness ukoll DCC.

4. Mingħand Bonnici Bros Ltd., fejn bagħatu sabiex jitħallsu s-somma ta' € 25,330.06 il-parti li jiġi t-tieni pagament tas-sett ta' toroq ta' *Phase 1*. Il-Kunsill qabel li għandhom jitħallsu.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

5. Mill-Awtorita tad-Djar infurma li ser tigi mneddija skema dwar manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern 2011-2016 fejn kull binja qed tkun allokata € 5,000, din ser isir laqgħa fil-21 ta' Novembru, fejn għaliha ser jattendu s-Sindku.
Is-Sindku qal li jrid jivverifika bħala binja eżatt kif hi spjegati għax b'kollox għandna dawk tal-*Housing Estate* u wkoll fi Triq san Filippu.

6. Mill-ETC infurmaw li l-ħaddiema li għandna assenjati magħna iridu li mill-1 ta' Novembru, 2012, jibdew jiffirmaw ta' kuljum u l-attendenza tintbagħat kull xahar lilhom, fejn anke ser jibdew isiru spezzjonijiet fuqhom.
Bagħatu wkoll l-lista tal-kandidati għas-sejħa tagħna ta' skrivan/a fuq bażi part-time li dawn għandhom jibghatu s-CV tagħhom sal-10 ta' Novembru, 2012.

7. Mingħand il-Librara fejn infurmat li fil-5 ta' Diċembru, 2012, ser tiġi orginzzata *Library Day*, sabiex il-librerija lokali dakinhar tkun miftuħa l-ġurnata kollha u jekk ikun hemm xi ħlas ta' siegħat żejda għandhom ikunu koperti minħabba din l-attivita'.

8. Mingħand is-Sur Ellul, fejn infurma li għadu kemm niedi ktieb bl-istorja tal-*football* femminili, fejn dawk interssati sabiex jakkwistawh jista' jsir kuntatt miegħu.

9. Mingħand *Care Malta Ltd.*, fejn stiednu lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna jew għaqda li għamlu x'inzjattivi sabiex jibbenefikaw minnhom nies anzjani għal *Nazzareno Vassallo Award*.

10. Mingħand is-Surgent Jacono tad-*Drug Squad* dwar laqgħa ta' kull xahar.

11. Mingħand Twanny Vella, fejn talab sabiex il-Kunsill jagħti l-għajnuna tiegħu bħal li jitwaħħlu xi tabelli biex ma jħammġux l-annimali fejn ser isir il-monument u anke sabiex jiġi rranġata l-ħajt ta' barra.
Il-Kunsillier Picco issuġġerixxa jgħin għal ħajt imma hu jrid jogħlih. Is-Sindku qal li da ma jistax isir hekk ħajt għoli.
Is-Sur Picco qal li s-Sur vella bħala għajnuna jrid ukoll li l-Kunsill jagħmel l-applikazzjoni tad-dawl.
Is-Sindku qal li kien diġa' tkellem mal-Perit M. ellul fuq il-ħajt u qallhu li dan jew jitneħħa inkella jitbaxxa minn kif inhu.
Il-Kunsillier Picco pporpona li għandha ssir laqħa miegħu biex naraw fhiex nistennaw ngħinuh.
Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġa' ta l-għajnuna tiegħu billi hemm is-*survey* li kien sar.
Is-Sur Abdilla qal li l-importanti hu li jkollna f'idejna pjanta tal-proġett sħiħ ħalli nkunu nafu x'ser isir eżatt.
Il-Kunsillier Agius qalet li tajjeb ukoll naraw il-MEPA x'ħarġet fil-permessi tagħha.
Is-Sindku qal li meta tkellem mal-Perit Ellul dan qallhu li ser jieħu ħsieb ħabba l-ħajt.
Il-Viċi Sindku ppropona li għandha ssir laqgħa mal-Perit Ellul sabiex ikollna l-pjanta tal-proġett sħiħ tal-*landscaping*.
Il-Kunsill qabel.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

12. Mingħand l-*Empire Cinema Complex* ta' Buġibba fejn baghatu jinfurma bl-offerti li għandhom u flims li qed juru għall-ġarnet tal-Milied.
Is-Sindku qal li kif qed nitkellmu fuq l-attiviatjiet tal-Milied ikun għaqli peress li ż-żmien dieħel sabiex jiġu ffissata d-data tal-attivitajiet li normalment isiru mill-Kunsill.
Fejn wara diskussjoni ġew iffissati dawn id-dati :-

| | | |
|---|---|---|
| Party tat-Tfal | - | 30.12.2012 |
| Ikla Anzjani | - | 23.12.2012 ( filgħodu) |
| Reception Kunsill | - | 29.12.2012 |

Fir-rigward tal-lista tal-istedien tar-*reception* sar qbil li din għandha tinżamm l-istess lista bħal tas-sena l-oħra.
Is-Sur Abdilla ppropona li ghandhu jsir kuntatt mal-għaqdiet ħalli dawn l-attivitaijiet indikati ma jaħbtux ma x'attivitaijiet li jiġu organizzati minn naħa tagħhom.
Il-Kunsill qabel.

13. Mingħand MCCAA, sabiex jiġu organizzati laqgħat ghall-pubbliku dwar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet li għandhu l-konsumatur.

14. Mingħand Insitute for Sustainable Development, fejn bagħatu li ser ssir Konferenza dwar *Sustainable Mobility in Malta – Transport Research in Practice*, din ħa ssir fit-30 ta' Novembru, 2012, ġewwa Smart City Ricasoli.

15. Mit-Transport Malta fejn bagħatu l-iskeda modifikata ta' rotta X5 u X7, kemm sar tibdil fil-ħinijiet tagħhom.

17. Mingħand il-Perit Ellul fejn bagħat il-kont iċċertifikat ta' xogħolijiet li saru tal-WSC tat-toroq Phase 1 minn Bonnici Bros Ltd. li jammontaw għal € 10,601.76 u kont tiegħu ta' € 475.39. Il-Kunsill qabel.

18. Mingħand il-Go fejn għandhom ix-xewqa li jarmaw *mobile retail truck* bejn it-22 u l-25 ta' Novembru, 2012, fil-viċinzanza tal-pjazza fejn dawn se jkunu qed ibiegħu s-servizzi tagħhom. Anness bagħatu wkoll il-qisien tat-*truck*.
Is-Sindku ppropona li dan għandhu jitqiegħed f'Misraħ St.Rokku, peress li hemm hekk ma jtellef lil ħadd.
Il-Kunsill qabel.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lir-residenti tal-parti ta' Triq Giovanni Scicluna li għadha ma saritx sabiex ninfurmawhom li Sibt, 3 ta' Novembru, 2012, fil-11:00a.m. se ssir Konferenza Stampa fi triq tagħhom ħalli jipparteċipaw huma wkoll.
Fir-rigward ukoll ġew mgħarrfa l-mezzi tax-xandir u l-gazzetti.

b) Intbagħatet e-mail lill-TM dwar ir-*reserved parking* li ġie approvat ta' Triq San Bastjan fejn ir-resident baqa' bl-istess problema peress li l-kaxxa saret fi triq oħra. Għaldaqstant indikajna fejn din għandha bżonn ssir sabiex l-individwu jkun moqdi aħjar.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

c) Intbaghatet iul-lista tal-persuni li ser jieħdu t-tilqima kontra l-Influwenza fejn dawn jammontaw għal 305 lis-Sur Bajada tal-*Primary Health Care*.

d) Intbagħatet e-mail lill-ELC dwar dawk l-isplays li hemm fi Triq tal-Barrani kif tkun dieħel għal ġo Ħal Għaxaq sabiex dawn jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom, fejn ġejna nfurmat li huma m'humiex responsabbli għalihom.

## 4. Materji Finanzjarji

*a. Petty Cash*: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ottubru 2012, li kienu jammontaw għal € 10.48 . Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€ 10.48 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

*b. Skeda ta' Ħlas Ottubru 2012*: Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2012 u li jammontaw għal **€20,010.55**. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Villa Mekrech

Is-Sindku qal li ser isir l-appell lill-Mepa a bażi li dan kien ġie skedat kollhu u xhur qabel inħareġ il-permess sabiex tinbena biċċa minnhu u wkoll li hemm ġiebja u ħabba dan l-iżvilupp din tista' tintilef.
Il-Kunsill qabel li għandhu jsir l-appell.

## 6. Drenaġġ Housing Estate

Is-Sur Vassallo nforma li kien hemm problema fejn beda jnixxi x'ilma ma Blokk B f'Qasam Ħal Dmikki u sar rapport lill-WSC b'dan u dawn qalu li mhux ilma li hemm ħiereġ imma drenaġġ. Meta sar kuntatt ma tad-drenaġġ dawn qalu li mhux kompetenza tagħhom sabiex dan jissewwa'. Għarraf lill-Awtorita' tad-Djar b'din il-porblema sabiex jieħdu ħsiebha u problema ġiet solvuta.

## 7. Tenders

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill infetħu l-Offerti :-

a. Għal *GhLC 01/12 – Supply & Intsllation of Playing Field Equipment - Għaxaq*, kien hemm tmin (8) offerti. Annessa mal-Minuti ( App.1). Dawn l-ammonti jinkludi kollha ir-*rubber flooring* u *playing field equipment*, imniżżla ser ikun hemm is-somma totali.

- Be Independent - € 25,579.16 VAT Inkluża
- SR Enviormental Solutions Ltd. - € 17,538.59 VAT Inkluża
- Forestals - € 14,875.50 VAT Inkluża



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

| | | |
|---|---|---|
| • M – Quip | - | Option A - € 16,842.62 VAT Inkluża<br>Option B - € 18,013.12 VAT Inkluża<br>Option C - € 18,356.82 VAT Inkluża<br>Option D - € 19,009.37 VAT Inkluża<br>Option E - € 19,501.37 VAT Inkluża<br>Option F - € 21,711.22 VAT Inkluża<br>Option G - € 22,578.27 VAT Inkluża |
| • Alhag Ltd. | - | € 28,529.57 VAT Inkluża |
| • KDF Ltd. | - | € 29,086.82 VAT Inkluża |
| • Nexos Street Lighting Ltd. | - | € 36,083.04 VAT Inkluża |
| • JGC Ltd. | - | € 15,274.50 VAT Inkluża |

F'dan l-istadju l-ebda offerta ma ġiet magħżula kemm ġew miftuħa biss.

b. Għal *GhLC 02/12 – Insurnace Policies*, kien hemm tlett (3) offerti. Annessa mal-Minuti ( App.2)

| | | |
|---|---|---|
| • Island Insurance Brokers Ltd. | - | € 1,047.37 |
| • KDM Insurance brokers PCC Ltd. | - | € 1,875.09 |
| • MelitaUnipol Insurance Brokers Ltd. | - | € 1,889.74 Citadel<br>€ 2,375.50 jew € 2,575.50 Middlesea<br>(Garanzija Bankarja mhux preżentatha mat-tender) |

F'dan l-istadju l-ebda offerta ma ġiet magħżula kemm ġew miftuħa biss.

c. Għal *GhLC 03/12 – Works Manager – Architect and Civil Engineer*, kien hemm sitt ( 6 ) offerti. Annessa mal-Minuti ( App.3), fejn imniżżla fiha hemm ir-rati li joffru ta' kull Perit skond ix-xoghol mitlub.

Perit Aaron Abela; Perit Marvin Ellul; *Building and Design Consultants*; Studjurban Perit Antoine Zammit; Perit William Lewis; *Med Design Associates*

F'dan l-istadju l-ebda offerta ma ġiet magħżua kemm ġew miftuħa biss.

d. Għal *GhLC 04/12 – Provision of Concrete*, kien hemm tlett ( 3 ) offerti. Annessa mal-Minuti ( App.4)

| | | |
|---|---|---|
| • Attard Bros. Co. Ltd. | - | € 70.10 VAT Inkluża |
| • Saliba Brothers Ltd. | - | € 67.31 VAT Inkluża |
| • Polidano Bros . Ltd. | - | € 68.35 VAT Inkluża. |

F'dan l-istadju l-ebda offerta ma ġiet magħżula kemm ġew miftuħa biss.



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

e. Għal *GhLC 05/12 – Patching of Streets*, kien hemm offerta waħda ( 1). Annessa mal-Minuti ( App.5)

Ell's Urban service Ltd. - ħofra inqas minn 1sq.m. - € 7.50 Cold Asphalt
ħofra inqas minn 3sq.m. - € 9.60 Cold Asphalt
ħofra aktar minn 3sq.m. - € 9.60 Cold Asphalt
Major Patching - € 21 per sq.m. Hot Asphalt

Prezzijiet kollha il-ħxuna tal-asfalt huwa ta' 50 mm u VAT Inklużi.

F'dan l-istadju l-ebda offerta ma ġiet magħżula kemm ġew miftuħa biss.

8. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

a) Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa sabiex isir bozza ġdida fi Triq in-Niġem. Il-Kunsill qabel.

b) Is-Sindku qal li hemm is-siġar f'Misraħ St.Rokku għandhom bżonn sabiex jissaqqew u ppropona li jsir kuntatt mal-kuntrattur Bezzina ħalli jinġib *bowser* u t-tisqija tagħhom isir darba f'xahar. Il-Kunsill qabel.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl- pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2012, fis-5:45p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Donna Mallia**
Deputat Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2012, fis-2.00pm</u>**



Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt